ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 513**

**It-Tnejn 22 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI

Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

### MINUTI

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**513.1Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

513.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**513.2Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

513.2.1 Il-minuti tal-511 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

513.2.2 Il-minuti tal-512 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**513.3 Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri**

513.3.1 Is-Sindku ppropona lista ta' responsabbiltajiet għal kull membru tal-Kunsill kif ġej:

**Is-Sindku - Is-Sur Jorge Grech**
L-Innovazzjoni
L-Infrastruttura
Proġetti

**Il-Viċi Sindku – Is-Sinjorina Bernice Farrugia**
L-Ambjent

**Is-Sur Joseph Buttigieg**
L-Anzjani

**Is-Sur Mark Grech**
L-Edukazzjoni

**Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas**
Ħarsien tal-Annimali

**Is-Sur Angelo Scicluna**
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Is-Sur Joseph Vella**
Il-Kultura
Is-Saħħa (Injezzjonijiet)

**Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri**
Il-Qasam Socjali
Is-Saħħa (Berġa)

**Is-Sinjura Anna Calleja**
Iż-Żgħażagħ u Tfal
Il-Familja

**Il-Kaptan Patrick Barbara**
L-Indafa

**Is-Sur Joseph Agius**
Komunitajiet (St Peter)
L-Integrazzjoni Soċjali

513.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li fl-aħħar ta' kull sena, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli. Dan sabiex jiġi nkluż fir-rapport amministrattiv.

513.3.3 Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament mal-lista ta' responsabbilitajiet kif imqassma.

513.3.4 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

**513.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

513.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu nbdew diversi xogħlijiet fosthom xogħol ta' bankini ġodda fi Triq il-Qaqoċċ; kif ukoll xogħol ta' restawr ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il-Qaqoċċ, Triq Santa Marija, Triq San Ġużepp u Triq tal-Plier. Is-Sindku żied jgħid li 270 metri kubi ($m^3$) ta' ħitan tas-sejjiegħ kienu ser jiġu ffinanzjati minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta - Miżura 4.4.

513.4.2 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jsir restawr tal-ħitan tas-sejjiegħ ta' Triq San Ġużepp tul it-triq kollha sabiex b'hekk il-ħajt ikun iktar unit. Is-Sindku żied jgħid illi kien ser jitlob stima lill-Perit tal-Kunsill sabiex isir restawr tal-ħajt kollu.

513.4.3 Is-Sur Mark Grech qal illi biex l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej ġiet sottomessa fil-ħin, il-Kunsill għażel li jagħmel xogħol ta' restawr tal-iktar partijiet perikolużi peress illi dan ma kienx jinvolvi l-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar.

513.4.4 Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni fuq l-entitajiet konċernati u ssir esproprjazzjoni tal-art fi Triq il-Qaqoċċ.

513.4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda xogħol ta' bankini fi Triq il-Ġiżimina u fi Triq Tumas Dingli kif ukoll kien ser jinbeda xogħol ta' manutenzjoni tal-isqaqien li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni.

513.4.6 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex iressqu lista ta' talbiet relatati ma' xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankini sabiex fil-laqgħa li jmiss tkun tista' issir lista ta' prijoritajiet.

513.4.7 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi diġa kienet teżisti lista tal-leġislatura tal-Kunsill preċedenti, fosthom sabiex issir bankina fi Triq Spadaro.

513.4.8 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinżebagħ bil-kulur aħmar il-bankina li hemm fi Triq is-Santwarju, il-parti minn ħdejn il-ħanut tal-ikel li hemm maġenb Triq San Duminku sa Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

513.4.9 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jitneħħa l-ħmieġ tal-ħamiem qabel ma jsir xogħol ta' żebgħa bil-kulur aħmar fil-viċinanzi tas-Sala Notre Dame u talab sabiex ix-xogħol jitlesta qabel il-festa. Is-Sindku qal illi fil-Belt Valletta kienu ġew imwaħħla vireg fuq monumenti storiċi u ġie nstallat apparat elettroniku sabiex ibiegħed il-ħamiem.

513.4.10 Is-Sur Joseph Buttigieg nforma lill-Kunsill li kien sar kuntatt ma' individwi sabiex jieqfu jitimgħu l-ħamiem mad-dawra tal-Monument tal-Gwerra.

513.4.11 Is-Sur Angelo Scicluna talab li ssir il-bankina quddiem ir-residenza numru 90 fi Triq il-Karmnu.

513.4.12 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li l-bankini li jiġu rranġati jkunu aċċessibli għall-persuni b'diżabilità.

513.4.13 Is-Sindku qal illi minħabba l-proġett tas-swar tal-Kottonera, il-Kunsill kien ġie mitlub sabiex isib post alternattiv għall-proġett tal-*bring in sites* minflok iż-żona magħrufa bħala Tal-Fataħ. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex iressqu l-proposti tagħhom biex b'hekk jiġu identifikati żoni fejn jista' isir il-proġett. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-proġett tal-*bring in sites* jiġi temporanjament sospiż sakemm jinstab post alternattiv.

513.4.14 Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-proġett tal-*bring in sites* isir fil-Masġar taż-Żebbuġ.

513.4.15 Is-Sur Mark Grech qal illi l-*bring in sites* li kien hemm fi Triq San Ġużepp ma kinux qed jintużaw kif suppost u ssuġġerixxa li l-proġett tal-*bring in sites* isir fi spazju miftuħ li hemm fi Triq in-Newl.

513.4.16 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb stima sabiex mal-*bring in sites* jiġu nstallati *CCTV cameras* bil-pannelli solari f'każ li ma jkunx hemm servizz ta' dawl .

513.4.17 Is-Sur Mark Grech talab sabiex titwaħħal tabella nformattiva dwar il-ksur ta' regolamenti tal-iskart fil-viċinanzi tal-*bring in sites*.

513.4.18 Il-Kaptan Patrick Barbara talab sabiex tittella' kampanja edukattiva favur l-ambjent u jiġu stampati *leaflets* dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Il-Kaptan Barbara żied jgħid li dawn il-*leaflets* għandhom ikunu bl-ingliż, bit-taljan, bil-malti u bil-franċiż.

513.4.19 Il-Viċi Sindku talbet biex it-tabelli li jitwaħħlu fit-toroq sabiex ma jitpoġġix skart fil-kantunieri ikunu bil-malti kif ukoll bl-ingliż.

513.4.20 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk is-*CCTV cameras* li hemm fi Ġnien il-Kunsill kinux jaħdmu u jekk il-Kunsill għandux aċċess għall-filmati. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fil-pożittiv. Is-Sur Scicluna qal illi kien ġie avviċinat minn resident li kien qed jallega xi ħadd mill-Kunsill kien tah informazzjoni differenti.

513.4.21 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi maġenb l-istatwa tal-Madonna fi Ġnien il-Kunsill kien hemm il-fanali kif ukoll il-vażun tal-fjuri mkissrin.

513.4.22 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li l-bankijiet tal-injam li hemm f'Misraħ San Ġakbu jinbidlu u minflok isiru tal-ħadid.

513.4.23 Fis-6.55 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

513.4.24 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jitneħħew il-konok li hemm vojta f'Misraħ San Ġakbu.

513.4.25 Il-Viċi Sindku qalet illi kien qed jinħareġ l-iskart fil-kantuniera ta' Trejqet il-Mitħna.

513.4.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien irċieva proposta sabiex f'Misraħ San Nikola ssir dar għall-anzjani. Is-Sur Joseph Vella qal illi fil-leġislatura tal-Kunsill preċedenti kien ġie deċiż li jsir proġett ta' tisbieħ f'Misraħ San Nikola u li għalih diġa kien hemm il-permessi meħtieġa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

513.4.27 Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-proposta għad-dar tal-anzjani kinitx ser issir minflok il-bini eżistenti biss. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

513.4.28 Is-Sur Mark Grech qal illi l-proġett ta' tisbieħ f'Misraħ San Nikola kienet deċiżjoni tal-leġistatura tal-Kunsill preċedenti u qal ukoll illi dan il-proġett kien parti mill-manifest elettorali. Is-Sur Grech staqsa lill-Kunsill jekk kienx qed jaqbel fil-prinċipju li żona miftuħa tingħata għall-iżvilupp.

513.4.29 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinbeda l-proċess għas-sejħa tal-offerti sabiex isir il-proġett ta' tisbieħ f'Misraħ San Nikola kif kien deċiż fil-leġislatura preċedenti.

513.4.30 Is-Sindku qal illi kien avviċinat mit-Taqsima tax-Xogħlijiet sabiex isir xogħol ta' restawr mingħajr ħlas fuq il-momument tal-gwerra, il-monument ta' Agatha Barbara u diversi bustijiet f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol mistenni jsir fis-sena 2020.

513.4.31 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-monument tal-gwerra peress illi kien mitfi kif ukoll sabiex tiġi rranġata l-funtana li hemm mad-dawra tiegħu peress illi kienet qed titlef l-ilma. Is-Sur Buttigieg talab li titkisser il-bażi tal-funtana u jsir mill-ġdid.

513.4.32 Il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa li titneħħa l-funtana sabiex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż ta' pompi. Is-Sindku talab li tinġieb stima qabel ma jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-funtana.

513.4.33 Is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sur Joseph Agius ma qablux li tiġi eliminata l-funtana li hemm mal-monument tal-Gwerra.

513.4.34 Il-Viċi Sindku talbet li jsir disinn ġdid tal-bażi tal-monument tal-gwerra sabiex tiġi solvuta l-problema tal-ilma.

513.4.35 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni fl-isqaqien ta' Triq il-Kbira.

513.4.36 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-isqaqien fi Triq l-Inkurunazzjoni jitlestew qabel l-attivitajiet tal-festa sabiex ma jkunx hemm inkonvenjenzi żejda.

**513.5 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji**

513.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2018. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

513.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2019. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2019.

513.5.3 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-ittra ta' direzzjoni għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi r-rapport tal-udituri

flimkien mal-ittra ta' direzzjoni kienu ġew diskussi fil-509 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2019 kif mitlub bil-liġi għall-Gvern Lokali.

513.5.4 Is-Sur Joseph Agius talab lill-Kunsillieri sabiex qabel ma ssir attività tal-Kunsill għandu jiġi ppreżentat rapport dettaljat dwar id-dħul u l-infiq.

**513.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

513.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn s-17 ta' Mejju 2019 u t-22 ta' Lulju 2019 li kienet tammonta għal €172,593.82.

513.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2019 li kien jammonta għal €76.35.

513.6.3Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2019 li kien jammonta għal €75.26.

**513.7 Skemi Finanzjarji;**
**Żvilupp ta' Libreriji Lokali / Reġjonali f'Ċentri tal-Komunità SPI/10/2019**

513.7.1 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar l-iskema ta' finanzjament għall-iżviluppi ta' libreriji lokali /reġjonali f'ċentri tal-komunità SPI/10/2019 u qalet illi kienet bdiet taħdem fuq l-applikazzjoni qabel ma ġew imqassma b'mod uffiċjali ~~ħadmet fuq l-applikazzjoni qabel ma ġew imqassma~~ r-responsabbiltajiet lill-Kunsillieri. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri teknoloġija u joffri sessjonijet innovattivi bil-*virtual reality* taħt din l-iskema. Emendati

**Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Life Long Learning) SPI/SCI/11/2019**

513.7.2 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar il-finanzjarjament ta' skema Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (Life Long Learning) SPI/SCI/11/2019 u staqsiet liema korsijiet kienu qed jiġu offruti fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien qed jiġi offrut tagħlim tal-lingwa ingliża.

513.7.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema u jixtri *aircondition* għas-sala fejn jiġu organizzati il-korsijiet ta' tagħlim tul il-ħajja.

**Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi SPI/SCI/12/2019**

513.7.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema SPI/SCI/12/2019 u jsir xogħol ta' restawr fuq il-Kappella tal-Lunzjata.

**513.8** ***Leader Funds*** **Miżura 1 -** ***Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value***

513.8.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għas-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value* u jsir xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp li qiegħda fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq G Agius Muscat, kif ukoll tal-istatwa ta' Ġesù Redentur li qiegħda fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ser tingħata għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €10,000.

513.8.2 Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jingħata għajnuna finanzjarja għall-proġett taħt il-miżura M413.A5 (*Embellishemt Projects*) sabiex jiġi ffinanzjat parti mill-proġett f'Misraħ San Nikola. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv u qalet li dan kien dovut minħabba li l-proġett ma kienx ser jitlesta fiż-żmien stipulat kif mitlub fil-kundizzjonijiet tal-miżura.

513.8.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista' japplika għall-fond ta' €4,899.26 li hemm disponibbli mill-Aġenzija LESA relatati ma' attivitajiet u inizzjattivi kulturali u soċjali. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm lista ta' proposti li huma eliġibbli għal dan il-fond fosthom restawr ta' wirt kulturali. Is-Sindku ssuġġerixxa li b'din l-għajnuna finanzjarja għandu jsir dan ir-restawr :

1. Niċċa tal-Madonna tal-Grazzja li qiegħda f'Misraħ San Ġakbu kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra
2. Niċċa ta' San Ġużepp u Santa Marija li qiegħda fi Triq il-Biċċieni Sqaq numru 7
3. Niċċa li qiegħda fi Triq Santa Duminka kantuniera ma' Sqaq Biċċieni
4. Restawr tal-funtana li qiegħda f'Misraħ is-Sliem
5. Niċċa ta' San Franġisk li qiegħda fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Misraħ is-Sliem.

513.8.4 Is-Sindku qal illi ser tkun qed tinġieb stima sabiex isir dan ir-restawr. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-għajnuna finanzjarja u tingħata prijorita tax-xogħol skont l-ordni kif imniżżel hawn fuq.

513.8.5 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata lapida ma' residenza li hemm fi Triq is-Santwarju.

513.8.6 Fit-8.05 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata.

**513.9 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019)

513.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, minn Dr Noel Camilleri, mis-Sur Marco Cassar u mill-Kunsillier il-Kaptan Patrick Barbara.

**Ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019)**

513.9.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, minn Dr Noel Camilleri, mis-Sur Marco Cassar u mill-Kunsillier is-Sur Mark Grech.

**Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019)**

513.9.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, minn Dr Noel Camilleri, mis-Sur Marco Cassar u mill-Viċi Sindku.

**513.10 Festa f'Ħaż-Żabbar**

513.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani kienu ser jiġu milqugħa mis-26 t'Awwissu sal-31 t'Awwissu 2019.

513.10.2 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsillieri dwar iż-żjara uffiċjali tad-delegazzjoni Ġermaniża li tkun qed iżżur Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa. Is-Sur Joseph Agius flimkien mas-Sinjura Anna Calleja offrew li jakkumpanjaw lid-delegazzjoni matul iż-żjara tagħhom.

513.10.3 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li r-riċeviment tal-festa jsir nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru, 2019 fis-7.00 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku.

513.10.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikel għal dan ir-riċeviment jiġi ordnat mingħand Big Bun Bakery.

513.10.5 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex għar-riċeviment tal-festa jiġu mistiedna d-delegazzjoni ta' Gela.

513.10.6 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex fil-laqgħa li jmiss tinġieb lista tal-membri tas-Sotto Kumitati.

**513.11 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

513.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Charlene Saliba kienet ser tittermina l-impjieg tagħha. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-permess ta' Jobsplus biex issir sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 mal-Kunsill.

**513.12 Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

513.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li diġa kien hemm approvazzjoni għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 u żiedet tgħid li s-sejħa diġa kienet ħarġet internament. Barra minn hekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg u mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

513.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) sabiex jimla l-post vakant tas-Sinjorina Charlene Saliba. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 u li jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Agius u mis-Sur Sinjura Anna Calleja biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Dan il-proċess ser jinbeda hekk kif tingħata l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mingħand il-*Jobsplus*.

513.12.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li xi membru tal-Bord tal-Għażla ikun indispost għandu jinħatar Kunsillier ieħor minfloku sabiex il-proċess ikun jista' jibqa' għaddej sal-aħħar.

513.12.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Robert Buhagiar kien ġie trasferit ma' entità governattiva oħra.

**513.13 *Traffic Management* – Triq San Leonardu**

513.13.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni PA9739/18 u qal illi l-Kunsill kien irċieva talba minn Transport Malta sabiex isir tibdil fis-sistema ta' traffiku u parti minn Triq San Leonardu issir *one way* b'mod permanenti. Is-Sindku ssuġġerixxa li qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill għandha tintbgħat ittra lir-residenti li joqgħodu fi Triq San Leonardu, bil-proposta ta' Transport Malta.

513.13.2 Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill li huwa kien jaqbel li parti minn Triq San Leonardu ssir *one way* kif propost minn Transport Malta u talab lis-Sindku sabiex jagħmel laqgħa mal-Kunsill tax-Xgħajra dwar dan. Is-Sindku qal illi l-Kunsill tax-Xgħajra kien ser japprova l-proposta kif imressqa fl-applikazzjoni PA9739/18 temporanjament sakemm jitlesta ix-xogħol ta' żvilupp.

513.13.3 Fid-8.40 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

513.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħat tal-Kunsill m'għandhomx jaqbżu tlett siegħat, sakemm mhux maqbul mod ieħor b'mod unanimu.

513.13.5 Is-Sur Joseph Vella qal illi huwa ukoll kien jaqbel mal-proposta ta' Transport Malta.

**513.14 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

513.14.1 Is-Sur Angelo Scicluna rrefera għat-talba għall-fanali li saret lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi u nforma lill-Kunsill illi kien għadu qed jiċċekkja kemm kien in-numru ta' fanali disponibbli għall-Kunsill.

513.14.2 Fid-8.45 is-Sur Angleo Scicluna talab li jkun skużat.

513.14.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet li hemm maġenb is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam.

513.14.4 Is-Sur Joseph Vella rrefera għaċ-ċirkulari AKL 2019/038 dwar il-*Malta Pride Initiative 2019* u talab sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizzjattiva u tinżebagħ *zebra crossing* kulur il-qawsalla.

513.14.5 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issuġġeriet li tinżebagħ iż-*zebra crossing* li hemm fil-viċinanzi tal-istatwa tal-Madonna Grazzja fi Triq is-Santwarju filwaqt li l-Viċi Sindku ssuġġeriet li tinżebagħ iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Kunvent quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur Joseph Vella qal illi t-toroq imsemmija ma kinux wiesgħin biżżejjed biex joqgħodu l-kuluri kollha tal-qawsalla. Fuq proposta tas-

Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex tinżebagħ iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

513.14.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex iż-*zebra crossing* li hemm fil-viċinanzi tal-istatwa tal-Madonna Grazzja fi Triq is-Santwarju tinżebagħ bil-kuluri aħdar u blu, li huma l-kuluri abbinati maż-żewġ każini tal-baned lokali.

513.14.7 Is-Sinjura Anna Calleja issuġġeriet li għall-attività *Malta Pride Initiative 2019* jinżebagħ l-injam li hemm fit-Teatru Grieg fi Ġnien il-Kunsill.

513.14.8 Is-Sindku rrefera għall-invit sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-kampanja Uman, Bħalek fil-Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u ppropona li tinxtgħel il-binja tal-Kunsill kif ukoll il-Mina ta' Hompesch bil-kulur ċilest. Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u Kunsill qabel unanimament.

513.14.9 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fid-19 ta' Settembru 2019 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

513.14.10 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinbidel ix-xitel li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif il-Kunsill ma jistax iħallas għal xogħol li jkun fil-propjetà tal-knisja. Is-Sindku talab sabiex minflok ix-xitel ta' fuq iz-zuntier isir xitel taħt iz-zuntier.

513.14.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw tlett ħwat kbar bix-xitel u jitpoġġew fuq it-*traffic island* li hemm fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku talab ukoll sabiex il-*pots* eżistenti fuq din it-*traffic island* jinġiebu ġol bitħa taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li flimkien mat-tlett ħwat isir bank ukoll fuq it-*traffic island* ta' Triq ix-Xgħajra.

513.14.12 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir xogħol ta' tindif u manutenzjoni fil-bitħa tal-Kunsill.

513.14.13 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *traffic management* ta' Triq il-Fiġel.

513.14.14 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu tqaċċtu numru ta' *bollards* fi Triq il-Mina ta' Hompesch fil-viċinanzi ta' *Scotts Supermarket* u talab lill-Kunsill jinforma lil Transport Malta dwar dan.

513.14.15 Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex il-Kunsill iressaq talba lill-Onorevoli Joe Mizzi sabiex ibiddel id-dawl tal-globi li hemm fi Triq is-Santwarju.

513.14.16 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppublikat avviż relatat mal-ġbir ta' skart, skart riċiklabbli u ġbir ta' ħġieġ fuq *billboard* li hemm fil-viċinanzi tal-*ground* tas-*St Patrick FC*.

513.14.17 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jiżdiedu l-ġranet tal-ġbir tal-iskart organiku speċjalment matul il-ġranet tas-Sajf.

513.14.18 Il-Kaptan Patrick Barbara talab li tiżdied ġurnata oħra għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli.

513.14.19 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir *traffic management* fi Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq il-Karmnu u l-madwar.

513.14.20 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir iktar infurzar lokali fi Triq in-Newl peress illi l-vetturi kienu qed jipparkjaw bl-addoċċ.

513.14.21 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa kemm kien hemm impjegati mal-Kunsill li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini u manutenzjonijiet oħra, minħabba li kienu qed jissemmew diversi xogħlijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu ħaddiem wieħed taħt l-iskema tal-RSSL li minbarra xogħlijiet oħra, kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kellu żewġ ħaddiema mill-Korporazzjoni Enemalta li kienu jagħmlu xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fi Ġnien il-Kunsill, filwaqt li kien hemm żewġ impjegati oħra taħt l-iskema tal-*Community Work Scheme* li ħafna mix-xogħol tagħhom kien jinkludi xogħol ta' żebgħa fit-toroq.

513.14.22 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li rigward l-applikazzjoni PA9739/18 li ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa, tiġi aċċettata r-rakkomandazzjoni ta' Transport Malta biex parti minn Triq San Leonardu issir *one way* b'mod permanenti.

**513.15 Mozzjonijiet**

513.15.1 Il-Viċi Sindku ressqet mozzjoni sabiex tiġi diskussa problema ta' għargħar fi Triq id-Dliela.

**513.16 Problema tal-għargħar fi Triq id-Dliela**

513.16.1 Il-Viċi Sindku qalet li residenti li joqgħodu fi Triq id-Dliela kienu talbu l-għajnuna minħabba problema ta' ilma tax-xita li skont huma qed tikkawża ħsara fil-proprjetà tagħhom minħabba illi t-triq taqleb lejn id-djar tagħhom. Il-Viċi Sindku qalet li waqt laqgħa flimkien ma' rappreżentant minn Transport Malta u s-Segretarju Eżekuttiv, ġiet diskussa l-possibiltà li jitneħħa parti mill-ħaxix ħażin, jingħata l-konkos u tinqata' parti minn katusa eżistenti sabiex l-ilma tax-xita jkollu fejn jiskula. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob laqgħa mal-perit tal-Kunsill sabiex tiġi

diskussa din il-problema. Il-Viċi Sindku talbet sabiex din il-problema tingħata prijorità qabel jibda l-maltemp. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li din il-problema tiġi diskussa mal-perit u jsir ix-xogħol meħtieġ fi Triq id-Dliela biex tittaffa l-problema tal-għargħar.

### 513.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

513.17.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

513.17.2 Il-laqgħa spiċċat fis-9.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-514 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku